MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Numru. 949/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**BILOCCA STEFAN**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Degabriele, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 0517289M u l-imsemmi Stefan Bilocca, detentur tal-Karta tal-identita` numru 0118693M.

**Akkuzati talli:**

Fis-sebgha (7) ta` Awissu 2013 ghal habta tas-siegha ta` wara nofsinhar (13:00hrs) gewwa s-Siggiewi limiti ta` Xluq:

1. Ikkommettew serq ta` diversi oggetti minn diversi kmamar f'ghalqa li l-valur taghhom huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u li l-istess serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-mezz;

2. Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom meta kienu jafu li l-haga kienet gejja minn serq;
3. Lil Emanuele Degabriele wahda akkuzat ukoll li huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jinbidlu.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (c) (e) (b), 263 (a), 267, 269 (c), 278 (1) (3) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-Fedina Penali netta tal-imputat Stefan Bilocca;

**Ikkunsidrat:**

Dina l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief illi ssib lill-imputat Stefan Bilocca hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati u ghaldaqstant tikkundanna lill-istess imputat Stefan Bilocca tlett (3) snin taht supervizjoni, ordni ta` *probation*, ai terminu tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------